MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2005

Numru 2742/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Arnold Farrugia**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Generali pprezentat fit-28 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu talab, a tenur ta' l-artikolu 574A(9) tal-Kodici Kriminali li din il-Qorti tordna l-arrest mill-gdid u d-detenzjoni ulterjuri ta' l-imsemmi Arnold Farrugia, salv u mpregudikat kull dritt li jista' jkollu li jitlob il-helsien mill-arrest taht l-artikolu 574A(7);

Rat l-atti tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Jirrizulta li fis-27 ta' Lulju 2005 l-imputat tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja akkuzat bi ksur ta' diversi provvedimenti tal-Kap. 101. Fil-kors li kienet qed tigi segwita l-procedura traccjata fl-artikolu 574A tal-Kodici Kriminali, l-avukat difensur tieghu talab lill-prosekuzzjoni tiggustifika l-arrest ta' l-imputat. Dik il-Qorti ddecidiet li "wara li semghet lill-ufficjal prosekutur l-Ispettur Norbert Ciappara u lid-difiza jittrattaw dwar dan il-punt, thoss li f'dawn ic-cirkostanzi l-arrest tal-imputat mhux gustifikat u ghalhekk tordna r-rilaxx immedjat tal-imputat".
Issa, is-subartikolu (6) ta' l-artikolu 574A tal-Kodici Kriminali jipprovdi hekk:

**"Jekk il-qorti jirrizultalha li d-detenzjoni ulterjuri ta' l-akkuzat jew imputat ma tkunx imsejsa fuq xi disposizzjoni ta' dan il-Kodici jew ta' xi ligi ohra li tawtorizza l-arrest u d-detenzjoni tal-persuna arrestata, il-qorti ghandha tehles lil dik il-persuna mill-arrest minghajr kondizzjoni."**

L-ewwel Qorti ma tat l-ebda raguni ta' x'wassalha biex tikkunsidra l-arrest ta' l-imputat mhux gustifikat, salv referenza ghac-cirkostanzi mfissra lilha fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2005. L-Avukat Generali qieghed jissottometti li l-arrest kien imsejjes fuq l-artikolu 347 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li "Il-Pulizija Ezekuttiva ghandha s-setgha li tarresta kull persuna li tkun ghamlet jew li jkun hemm suspett li ghamlet delitt li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija…." Jghid li mix-xiehda ta' l-Ispettur Norbert Ciappara ghandu jirrizulta suspett ragjonevoli li l-imputat ghamel ir-reati addebitati lilu quddiem l-ewwel Qorti. Id-difiza tikkontendi li ma jezistix suspett ragjonevoli.

Din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol f'diskussjoni ta' x'jikkostitwixxi suspett ragjonevoli izda huwa bizzejjed li jinghad li minn dak li semghet u rat huwa evidenti li l-imputat gie arrestat a bazi ta' l-artikolu 347 tal-Kodici Kriminali u li sussegwentement tressaq b'arrest kif anke hemm provdut fl-artikolu 27 tal-Kap. 101. Fix-xiehda

tieghu l-Ispettur Ciappara jibda biex jghid li kienet qed issir investigazzjoni dwar *trailer* li l-Pulizija kienet taf li kienet tappartjeni lill-imputat u kien hemm suspett li fih kienet qed tigi konsenjata droga. In effetti jirrizulta mix-xiehda tieghu li meta dan it-*trailer* wasal Malta nstabet droga fil-parti fejn hemm il-*cooling system*. Barra minn hekk l-Ispettur Ciappara ndika wkoll diversi provi indizjarji li wassluh biex iressaq proprju lill-imputat. Dawk il-provi ghandhom jigu kkunsidrati kumulattivament u mhux individwalment.

Konsegwentement hemm lok li t-talba ta' l-Avukat Generali tintlaqa'.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi thassar u tirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Lulju 2005 fl-ismijiet premessi, tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imputat Arnold Farrugia u tordna li l-atti jigu minnufih rimessi quddiem dik il-Qorti sabiex dik l-istess Qorti tara jekk hemmx lok ta' helsien taht garanzija u kondizzjonijiet ohra kif jipprovdi s-subartikolu (7) ta' l-imsemmi artikolu 574A tal-Kap. 9, u tordna li kopja ta' dan il-provvediment jigi inserit mir-Registratur fl-atti ta' l-Istruttorja relattiva.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------